**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 1267/00JR**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Power Cut Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Awissu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u sittin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm160.55) dovuti lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat li kkagunat is-socjeta` konvenuta fuq "cables" tat-telefon fi triq Salvu Psaila, B'Kara, fil-25 ta' Gunju, 1999 (skond ma jirrizulta mid-Dolument A);**

**Illi s-socjeta` konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta' Gunju, 1999, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-15 ta' Settembru, 2000, fejn intqal illi t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-hsarat lamentati saru minhabba n-negligenza ta' l-istess Korporazzjoni attrici illi ma ndikatx jew bla pregudizzju ma ndikatx korrettement, l-presenza u l-posizzjoni tal-cables sotteranei in kwistjoni;**

**Minghajajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Busuttil, Paul Darmanin, Nicholas Aquilina, Ray Cachia u Joseph Cachia. Ha konjizzjoni tad-dokument esibit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Is-socjeta` attrici qed tfittex lis-socjeta` konvenuta ghad-danni kagunati f'cables tat-telefon fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, fil-25 ta'**

**Gunju, 1999, waqt li s-socjeta` konvenuta kienet qed tesegwixxi xogholijiet f'dik it-triq.**

2. **Jirrizulta skond ma xehed Victor Busuttil li s-socjeta` attrici tibghat in-nies taghha jimmarkaw fejn hemm "cables" meta ikunu ser isiru xogholijiet. Kienu wkoll hargu l-permessi relativi.**

3. **skond l-istess Busuttil is-socjeta` attrici kienet ikkuntattjatu u kien baghat nies biex jimmarkaw fejn kien hemm l-"cables". Mix-xhieda ta' Paul Darmanin, "cable overseer" mas-socjeta` attrici, jirrizulta li dan kien mar jimmarka fejn kien hemm "cables". Gie nnutat mill-istess xhud li wahda mill-kundizzjonijiet hi li jzomm distanza ta' cirka metru minn fejn ikun hemm immarkat. Skond ix-xhud Paul Darmanin, il-kuntrattur kien qed jahdem fuq fejn kien hemm immarkat.**

4. **Il-konvenut jghid li haffer il-boghod mill-marki li ghamlu s-socjeta` attici, u jghid li kien haffer xi erba' piedi l-boghod minn fejn kien hemm il-marki. Il-cable milqut kien xi tlett piedi fil-fond u kellu l-"concrete" fuqu. Qal ukoll li fil-bidu l-marki kienu jidrhu sew, pero` wara li qattghu bit-"trencher" kien hemm hafna trab, u l-marki ma kienux jidrhu aktar.**

5. **Minn valutazzjoni tal-fatti jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet hadet dawk il-mizuri soliti sabiex tindika fejn hemm il-“cables”, Jidher pero` li waqt li qed isir x-xoghol il-konvenut ma kienx bizzejjed attent, u forsi dana anke minhabba it-trabijiet li kien hemm li ghattew il-marki in kwistjoni, u b’hekk laqat il-“cables”. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghad-danni.**

6. **Obiter, it-Tribunal jirrileva li in vista tal-fatt illi tali incidenti qed jirrepetu ruhhom ta’ spiss, forsi minhabba ghaggla fix-xoghol, forsi minhabba li jista jitjieb il-mod kif jigi senjalat fejn hemm il-cables, it-Tribunal jirrakkomanda li sia s-socjeta` attrici sia l-kuntratturi koncernati, jirrivedu l-pratika ezistenti dwar senjalar, sabiex fil-futur jigu evitati incidenti simili.**

7. **Dwar id-danni jirrizulta mix-xhieda ta’ Nicholas Aquilina li kien hemm zewg “cables” maqtughin, u kienu hadmu zewg minn nies tas-socjeta` attrici u saru erba’ gonot. Ix-xhud Ray Cachia tal-“accounts department” tas-socjeta` attrici kkonferma d-Dok.A dwar id-danni. Dawn id-danni fil-fatt jammontaw ghall-mija u sittin lira Maltija hamsa u hamsin centezmu (Lm160.55).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sittin lira Maltija hamsa u hamsin centezmu (Lm160.55) ghad-danni kagunati kif fuq inghad, bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**